MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 198/2003

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Mario u Mary mizzewgin Falzon**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-bank attur fil-25 ta' Frar, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

*In forza* ta' kuntratt datat 20 ta' Awissu, 1996 *in atti* Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok. *"A"*) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' *Lajj Enterprises Limited*.

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' *Lajj Enterprises Limited* fis-somma ta' mija u elf, tmien mija u

hamsa u sittin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm101,865.33) (Dok *"B1 sa B3"*, u *"C1 sa C64"*) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Permezz tal-kuntratt fuq imsemmija u *cioe'* dak ta' l-20 ta' Awissu, 1996 *in atti* Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok *"A"*), u ghall-iskrittura privata datata 5 ta' Settembru, 1996 (Dok. *"D"*), il-konvenuti Mario u Mary mizzewgin Falzon iggarantew flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta' *Lajj Enterprises Limited* ghal favur tal-*Bank of Valletta p.l.c.* id-debiti ta' l-istess socjeta' *Lajj Enterprises Limited* mal-*Bank of Valletta p.l.c.* sal-valur ta' sittin elf Liri Maltin (Lm60,000.00);

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok *"E"*, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tikkundanna lil Mario u Mary mizzewgin Falzon ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittin elf Liri Maltin (Lm60,000.00) bilanc minn somma akbar ghad-debitu tas-socjeta' *Lajj Enterprises Limited* mal-*Bank of Valletta p.l.c.* (Dok. *"B1 sa B3"*, *"C1 sa C64"*) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament; u

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru, 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha eccepew illi:

1. Preliminarjament is-socjeta' attrici trid tipprova illi hija ghadha kreditrici tad-debitur principali ghal kreditu li ghalih l-eccipjenti huma allegatament responsabbli.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti huma mehlusa minn kull obbligazzjoni versu s-socjeta’ attrici *stante* illi jesistu c-cirkostanzi ikkontemplati fl-artikolu 1959 tal-Kap. 16.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju t-talba attrici hija monka (u ghalhekk ghandha tigi rigettata) fis-sens illi fl-eventwalita’ li l-istess talba tigi milqugha u l-hlas isir m’hemm xejn ikkontemplat fiha li s-socjeta’ attrici se tersaq ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att pubbliku relattiv sabiex l-eccipjenti jigu surrogati b’mod effettiv fid-drittijiet tas-socjeta’ attrici fil-konfront tad-debitur principali.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju, *stante* illi f’dan il-kaz il-garanzija giet maghmula mill-eccipjenti taht kundizzjonijiet izjed gravuzi mill-obbligazzjoni principali ghandu jigi applikat dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 1927(3) tal-Kap. 16.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tal-20 ta’ Awissu, 1996, il-bank attur ikkonceda lis-socjeta’ *Lajj Enterprises Ltd* facilita’ ta’ *overdraft* ghall-ammont ta’ Lm60,000 jew kull somma akbar li l-klient jithalla jigbed mill-bank. Bis-sahha ta’ din il-facilita’ infethu zewg kontijiet fuq isem is-socjeta’ *Lajj Enterprises Limited*, u

dawn il-kontijiet bdew jintuzaw mill-imsemmija socjeta' sakemm il-bank ghamel *"call in"* tad-debitu peress illi l-imsemmija socjeta' halliet is-somma dovuta minnha tikber u ma kien qed isir ebda sforz genwin biex jitnaqqas id-dejn. Is-somma dovuta, fil-fatt, inkluz imghax, lahqet is-somma ta' Lm101,865.33, *piu'* imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2002.

*In garanzija* tal-hlas lura ta' kull somma dovuta, il-konvenuti, fuq l-istess kuntratt indikat, ikkostitwew ruhhom personalment garanti solidali mal-kumpanija *Lajj Enterprises* sal-ammont ta' Lm60,000, u ikkoncedew lill-bank attur ipoteka generali fuq gidhom kollu u ipoteka specjali fuq fond, proprjeta' taghhom, fiz-Zurrieq. Il-konvenuti, *inoltre*, fil-5 ta' Settembru, 1996, iffirmaw skrittura ta' garanzija li fuqha ikkonfermaw ir-responsabilita' taghhom personali, flimkien u *in solidum* mas-socjeta' *Lajj Enterprises Ltd*, favur il-bank attur sal-ammont ta' Lm60,000.

Peress li, kif inghad, id-dejn favur il-bank attur issa jeccedi s-somma ta' Lm101,865.33, il-bank qed jitlob minghand il-konvenuti bhala garanti *in solidum*, ir-rifusjoni tas-somma li ghaliha huma assumew responsabilita'. Id-difisa principali tal-konvenuti hi bazata fuq il-fatt li l-bank attur m'ghamilx prova ta' dan id-dejn, peress li xtrah biss fuq ix-xhieda tal-Prokuratur Legali, Joseph Zammit, ufficcjal fil-*legal department* tal-bank attur, li ma kienx hu personalment li ivverifika l-*accounts*, izda xehed fuq dokumenti li gew ippreparati minn ufficcjali ohra. Fi ftit kliem, il-konvenuti qed jallegaw li din hi xhieda *detto del detto* li ma tiswiex bhala prova.

Din il-Qorti ma jidhrilix li ghandha taccetta din it-tezi, u *in sostenn* ta' dan taghmel riferenza ghal dak li osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Tromp vs Master Builders (Malta) Ltd", deciza fis-27 ta' Jannar, 2006. F'dik il-kawza saret din l-osservazzjoni:

*"Minn ezami ta' l-Artikolu 599 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jidher car li, ghal dik li hija ammissibilita' ta' 'hearsay', il-legislatur jaghmel*

*distinzjoni netta bejn zewg sitwazzjonijiet differenti. Fl-ewwel lok insibu dak id-dritt diskrezzjonali li inghata lill-gudikant li jippermetti tali xiehda "meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza" u f'dan il-kaz huwa fl-arbitriju tal-gudikant li jippermetti tali prova u hadd izjed. Mentri l-istess artikolu jipprospetta cirkostanza ohra fejn din ix-xhieda tkun ammissibbli bhala prova u cioe' meta "dan haddiehor ma jkunx jista' jingieb biex jixhed…". Ma jirrizultax li dawn is-sitwazzjonijiet jikkwalifikaw wahda lill-ohra. Ghalhekk ma jidhirx li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta, fid-diskrezzjoni taghha ammettiet bhala prova dak li l-attur qal li qallu David Sammut"*.

F'dik il-kawza saret riferenza wkoll ghas-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1988, fil-kawza fl-ismijiet "John Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fejn *'hearsay evidence'* giet wkoll ammessa.

Anke f'din il-kawza, il-Qorti jidhirlha li ghandha taccetta l-prova mressqa mill-Bank attur bhala ta' importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawza. Il-Qorti thoss li l-bank attur, tramite x-xhieda tal-imsemmi Prokuratur Legali Joseph Zammit, u d-dokumenti esebiti (*statements of account* tal-kontijiet tas-socjeta' *Lajj Enterprises Ltd*), ipprova sal-grad li trid il-ligi l-kreditu taghha.

Jirrizulta wkoll li l-konvenuti gew interpellati ghall-hlas b'Ittra Ufficcjali tad-29 ta' Ottubru, 2002, (debitament notifikata lilhom), u *kwindi* t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti.

Il-konvenuti eccepew ukoll li huma mehlusa minn kull obbligazzjoni *stante* li jezistu c-cirkostanzi kkontemplati fl-artikolu 1959 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jehles il-garanti *in solidum* jekk is-surroga fil-jeddijiet tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tieghu bi htija tal-kreditur. Din ic-cirkostanza, *pero'*, ma gietx ippruvata u ma giex muri lill-Qorti li, darba isir il-hlas mill-garanti, hemm xi impediment ghas-surrogi skond il-ligi.

Il-konvenuti invokaw ukoll l-artikolu 1927(3) tal-istess Kodici Civili, izda ma jirrizultax li l-garanzija giet maghmula mill-konvenuti taht kundizzjonijiet izjed gravuzi mill-obbligazzjoni principali. L-obbligazzjoni taghhom hi, *pero'*, limitata ghas-somma ta' Lm60,000 fit-termini tal-garanzija.

It-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hi wkoll insostenibbli. Meta issir talba ghall-hlas ta' dejn mill-garanti, mhux mehtieg li l-kreditur jitlob ukoll il-pubblikazzjoni ta' att pubbliku sabiex il-garanti jigu surrogati b'mod effettiv fid-drittijiet tieghu. *Ai termini* tal-artikolu 1945 tal-Kodici Civili, meta l-garanti jhallas id-dejn, is-surroga issir <u>ipso jure</u> u mhux mehtieg li din issehh fuq att pubbliku. Fil-fatt, lanqas ma hu mehtieg il-kunsens tal-kreditur, ghax din issir bis-sahha tal-operat tal-istess ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba tal-bank attur kif dedotta, u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm60,000 (sittin elf Lira Maltin), *ai termini* tal-garanzija minnhom koncessa, u dana bl-imghax legali mit-2 ta' Novembru, 2002 (data tan-notifika tal-Ittra Ufficcjali) sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------